Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 459/2017

Il-Pulizija

(Spettur James Grech)

(Spettur Spiridione Zammit)

(Spettur Roderick Agius)

Vs

Stephen Borg

Antonella Vella

Illum 6 ta' Frar, 2020.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellati Stephen Borg detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 155778M u Antonella Vella detentrici tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 405784M, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja:

Talli fil-lejl ta' bejn it-23 ta' Settembru 2013 u 24 ta' Settembru 2013 gewwa l-Fgura, Rahal Gdid, Hal Qormi u/jew f'postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnhom anki jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ikkommettew serq ta' vettura ta' l-ghamla Daihatsu Terios bin-numru tar-registrazzjoni ABO327 u vettura ta' l-ghamla Smart bin-numru tar-registrazzjoni JBR667 minn gewwa garaxx numru 4, Triq Mondion, Fgura, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-ammont ta' €2,329.37, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' John Mary Falzon u Roderick Falzon u/jew persuna/i u/jew entità jew entitajiet ohra;
2. U aktar talli matul l-istess lejl volontarjament hassru u/jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioè bieb ta' garaxx numru 4 sitwat fi Triq Mondion, Fgura liema hsara tammonta ghal aktar minn €166.47 ghad-dannu ta' John Mary Falzon u Roderick Falzon u/jew persuna/i u/jew entità jew entitajiet ohra;
3. U aktar talli matul l-istess lejl minn gewwa Triq id-Dejma, Hal Tarxien ikkommettew serq ta' vettura tal-ghamla Peugeot 106 bin-numru tar-registrazzjoni LAU669 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2,329.37, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' John Hayes u/jew persuna/i u/jew entità jew entitajiet ohra;
4. U aktar talli matul l-istess lejl volontarjament hassru u/jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fuq vettura ta' l-ghamla Peugeot 106 bin-numru tar-registrazzjoni LAU669 liema hsara tammonta ghal aktar minn €116.47 ghad-dannu ta' John Hayes u/jew persuna/i u/jew entità jew entitajiet ohra;
5. U aktar talli matul l-istess lejl gewwa Triq Romano Carapecchia, Fgura bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' serq minn gewwa garaxx bin-numru 13, Triq Romano Carapecchia, Fgura, wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta taghhom, liema serq kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-Mezz, bil-Valur li jeccedi l-ammont ta' €2,329.37 u bil-hin ghad-detriment ta' George Mifsud u/jew persuna/i u/jew entità jew entitajiet ohra;

6. U aktar talli matul l-istess lejl volontarjament hassru u/jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fuq bieb ta' garaxx numru 13 sitwat fi Triq Romano Carapecchia, Fgura liema hsara tammonta ghal aktar minn €116.47 ghad-dannu ta' George Mifsud u/jew persuna/i u/jew entità jew entitajiet ohra;
7. U aktar talli matul l-istess lejl gewwa Triq Cospicua, Fgura, ikkommettew serq ta' stereo u/jew oggetti ohra minn gewwa vettura tal-ghamla Renault bin-numru tar-registrazzjoni EBO104 liema serq huwa kkwalifikat bil-Mezz, bil-Valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2,329.37, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' John Baptist Mallia u/jew persuna/i u/jew entità jew entitajiet ohra;
8. U aktar talli matul l-istess lejl volontarjament hassru u/jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fuq vettura tal-ghamla Renault bin-numru tar-registrazzjoni EBO104 liema hsara tammonta ghal aktar minn €116.47 ghad-dannu ta' John Baptist Mallia u/jew persuna/i u/jew entità jew entitajiet ohra;
9. Akkuzati wkoll talli matul l-istess lejl gewwa Triq Cospicua, Fgura, ikkommettew serq ta' stereo u/jew oggetti ohra minn gewwa vettura tal-ghamla Toyota Ractis bin-numru tar-registrazzjoni BBT134 liema serq huwa kkwalifikat bil-Mezz, bil-Valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2,329.37, bil-Hin u bix-Xorta tal-Haga Misruqa ghad-detriment ta' Sandro (Alessandro) Galea u/jew persuna/i u/jew entità jew entitajiet ohra;
10. U aktar talli matul l-istess lejl volontarjament hassru u/jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fuq vettura tal-ghamla Toyota Ractis bin-numru tar-registrazzjoni BBT 134 liema hsara tammonta ghal aktar minn €116.47 ghad-dannu ta' Sandro (Alessandro) Galea u/jew persuna/i u/jew entità jew entitajiet ohra;

11. U aktar talli matul l-istess lejl gewwa Triq Cospicua, Fgura, ikkommettew serq ta' stereo u/jew oggetti ohra minn gewwa vettura tal-ghamla Kia Avella bin-numru tar-registrazzjoni JBQ994 liema serq huwa kkwalifikat bil-Mezz, bil-Valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2,329.37, bil-Hin u bix-Xorta tal-Haga Misruqa ghad-detriment ta' Philip Attard u/jew persuna/i u/jew entità jew entitajiet ohra;
12. U aktar talli matul l-istess lejl volontarjament hassru u/jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fuq vettura tal-ghamla Kia Avella bin-numru tar-registrazzjoni KBQ 994 liema hsara tammonta ghal aktar minn €116.47 ghad-dannu ta' Philip Attard u/jew persuna/i u/jew entità jew entitajiet ohra;
13. U aktar talli matul l-istess lejl gewwa Triq Cospicua, Fgura, ikkommettew serq ta' stereo u/jew oggetti ohra minn gewwa vettura tal-ghamla Citroen Saxo bin-numru tar-registrazzjoni LCB126 liema serq huwa kkwalifikat bil-Mezz, bil-Valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2,329.37, bil-Hin u bix-Xorta tal-Haga Misruqa ghad-detriment ta' Felicia Grech u/jew persuna/i u/jew entità jew entitajiet ohra
14. U aktar talli matul l-istess lejl volontarjament hassru u/jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fuq vettura tal-ghamla Citroen Saxo bin-numru tar-registrazzjoni LCB126 liema hsara tammonta ghal aktar minn €116.47 ghad-dannu ta' Felicia Grech u/jew persuna/i u/jew entità jew entitajiet ohra;
15. U aktar talli matul l-istess lejl gewwa Triq Cospicua, Fgura, ikkommettew serq ta' stereo u/jew oggetti ohra minn gewwa vettura tal-ghamla Toyota Yaris bin-numru tar-registrazzjoni IBI868 liema serq huwa kkwalifikat bil-Mezz, bil-Valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2,329.37, bil-Hin u bix-Xorta tal-Haga Misruqa ghad-detriment ta' Keith Casaletto u/jew persuna/i u/jew entità jew entitajiet ohra;
16. U aktar talli matul l-istess lejl volontarjament hassru u/jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fuq vettura tal-ghamla Toyota Yaris bin-numru tar-registrazzjoni IBI868 liema hsara tammonta

ghal aktar minn €116.47 ghad-dannu ta' Keith Casaletto u/jew persuna/i u/jew entità jew entitajiet ohra;

17. U aktar talli matul l-istess lejl gewwa Triq id-Dejma, Fgura, ikkommettew serq ta' stereo u/jew oggetti ohra minn gewwa vettura tal-ghamla Suzuki Samurai bin-numru tar-registrazzjoni FAG067 liema serq huwa kkwalifikat bil-Mezz, bil-Valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2,329.37, bil-Hin u bix-Xorta tal-Haga Misruqa ghad-detriment ta' Grazio Micallef u/jew persuna/i u/jew entità jew entitajiet ohra;
18. U aktar talli matul l-istess lejl volontarjament hassru u/jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fuq vettura tal-ghamla Suzuki Samurai bin-numru tar-registrazzjoni FAG067 liema hsara tammonta ghal aktar minn €116.47 ghad-dannu ta' Grazio Micallef u/jew persuna/i u/jew entità jew entitajiet ohra;
19. U aktar talli matul l-istess lejl gewwa Hal-Qormi, ikkommettew serq ta' stereo u/jew oggetti ohra minn gewwa vettura tal-ghamla Toyota bin-numru tar-registrazzjoni ABI864 liema serq huwa kkwalifikat bil-Mezz, bil-Valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2,329.37, bil-Hin u bix-Xorta tal-Haga Misruqa ghad-detriment ta' Caroline Calleja u/jew persuna/i u/jew entità jew entitajiet ohra;
20. U aktar talli matul l-istess lejl volontarjament hassru u/jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fuq vettura tal-ghamla Toyota bin-numru tar-registrazzjoni ABI864 liema hsara tammonta ghal aktar minn €116.47 ghad-dannu ta' Caroline Calleja u/jew persuna/i u/jew entità jew entitajiet ohra;
21. U aktar talli matul l-istess lejl gewwa Triq id-Dejma, Hal-Tarxien bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' serq minn vettura ghamla Fiat Punto numru tar-registrazzjoni JBE341, wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta taghhom, liema serq kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-Mezz, bil-Valur

li ma jeccedix l-ammont ta' €2,329.37 u bil-hin ghad-detriment ta' Maria Dolores Bonnici u/jew persuna/i u/jew entità jew entitajiet ohra;

22. U aktar talli matul l-istess lejl volontarjament hassru u/jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fuq vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni JBE341 liema hsara tammonta ghal aktar minn €116.47 ghad-dannu ta' Maria Dolores Bonnici u/jew persuna/i u/jew entità jew entitajiet ohra;
23. U aktar talli matul l-istess lejl gewwa Triq Agostino Randon, Hal-Tarxien, ikkommettew serq ta' diversi oggetti minn gewwa vettura tal-ghamla Opel Astra bin-numru tar-registrazzjoni VIN031 liema serq huwa kkwalifikat bil-Mezz, bil-Valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2,329.37, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Vincent Sammut u/jew persuna/i u/jew entità jew entitajiet ohra;
24. U aktar talli matul l-istess lejl volontarjament hassru u/jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fuq vettura tal-ghamla Opel Astra bin-numru tar-registrazzjoni VIN031 liema hsara tammonta ghal aktar minn €116.47 ghad-dannu ta' Vincent Sammut u/jew persuna/i u/jew entità jew entitajiet ohra;
25. U aktar talli matul l-istess lejl gewwa Hal Qormi bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' serq minn vettura ghamla Renault Laguna numru tar-registrazzjoni LCP678, wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta taghhom, liema serq kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2,329.37, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Carmelo Bianco u/jew persuna/i u/jew entità jew entitajiet ohra;
26. U aktar talli matul l-istess lejl volontarjament hassru u/jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fuq vettura tal-ghamla Renault Laguna bin-numru tar-registrazzjoni LCP678 liema hsara

tammonta ghal aktar minn €116.47 ghad-dannu ta' Carmelo Bianco u/jew persuna/i u/jew entità jew entitajiet ohra;

27. U aktar talli matul l-istess lejl gewwa Hal Qormi bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' serq minn vettura ghamla Peugeot 406 numru tar-registrazzjoni GBD574, wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta taghhom, liema serq kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-Mezz, bil-Valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2,329.37 u bil-hin ghad-detriment ta' Carmelo Micallef u/jew persuna/i u/jew entità jew entitajiet ohra;
28. U aktar talli matul l-istess lejl volontarjament hassru u/jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fuq vettura tal-ghamla Peugeot 406 bin-numru tar-registrazzjoni GBD574 liema hsara tammonta ghal aktar minn €116.47 ghad-dannu ta' Carmelo Micallef u/jew persuna/i u/jew entità jew entitajiet ohra;
29. U aktar talli matul l-istess lejl gewwa Hal Qormi bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' serq minn vettura ghamla Peugeot 607 numru tar-registrazzjoni BCA013, wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta taghhom, liema serq kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-Mezz, bil-Valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2,329.37 u bil-hin ghad-detriment ta' Norbert Bajada u/jew persuna/i u/jew entità jew entitajiet ohra;
30. U aktar talli matul l-istess lejl volontarjament hassru u/jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioè hsara fuq vettura tal-ghamla Peugeot 607 bin-numru tar-registrazzjoni BCA013 liema hsara tammonta ghal aktar minn €116.47 ghad-dannu ta' Norbert Bajada u/jew persuna/i u/jew entità jew entitajiet ohra;
31. U aktar talli matul l-istess lejl volontarjament hassru u/jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fuq vettura tal-

ghamla Toyota minghajr numru tar-registrazzjoni liema hsara tammonta ghal aktar minn €116.47 ghad-dannu ta' persuni mhux maghrufa;

32. U aktar talli matul l-istess lejl, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew, xjentement, b'kull mod indahhlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;
33. U aktar talli matul l-istess lejl, wara li kienu gew ikkundannati f'Malta ghal serq jew ricettazzjoni, instabu fil-pussess ta' mfietah, imqabblin jew iffalsifikati, jew ghodod ohra tajbin ghall-ftuh jew sgassar ta' serraturi, jew instabu ghandhom forom ta' serraturi, minghajr ma taw kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu instabu ghandhom f'dak iz-zmien;

**Antonella Vella** wahidha akkuzata wkoll talli:

34. B'hekk ikkommettiet reat ta' natura volontarja waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' sena prigunerija sospiza ghal sentejn imposta fuqha mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. C. Stafrace Zammit LL.D. nhar it-8 ta' Lulju 2013;
35. U aktar talli ghamlet reat ta' natura volontarja waqt perjodu operattiv ta' Conditional Discharge ghal zmien sena mposta fuqa mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrati Dr. A. Mizzi LL.D. nhar it-8 ta' Mejju 2013;
36. U aktar talli kisret il-kundizzjonijiet tal-libertà provizorja imposti fuqa mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. Tonio Micallef Trigona LL.D fit-28 ta' Mejju 2013 u dan taht garanzija personali ta' €10,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnata li taghmel mill-istess Qrati;

**Stephen Borg** wahdu akkuzat ukoll talli:

37. Kiser il-kundizzjonijiet tal-libertà provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman LL.D fis-7 ta' Lulju 2009 u dan taht depozitu ta' €3,000 u garanzija personali ta' €30,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qrati;

38. Kiser il-kundizzjonijiet tal-libertà provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrati Dr. Tonio Micallef Trigona LL.D fit-28 ta' Mejju 2013 u dan taht garanzija personali ta' €10,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat jaghmel mill-istess Qrati;
39. B'hekk kiser il-kundizzjonijiet tal-libertà provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. Tonio Micallef Trigona LL.D fit-3 ta' Settembru 2013 u dan taht garanzija personali ta' €5,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qrati.

Il-Qorti giet gentilment mitluba titratta ma' Stephen Borg u Antonella Vella bhala recidivi ta' sentenzi moghtija lilhom mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu u dan ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena skond il-Ligi, tordna r-revoka tad-digriet li bihom Stephen Borg u Antonella Vella inghataw il-beneficcju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmija mputati kif ukoll tordna li s-sommom bhala depoziti u garanziji personali, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-26 ta' Ottubru 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 18, 23, 31, 41(1)(a), 49, 50, 261(b)(c)(f)(g), 263, 264, 625, 267, 270, 271, 278, 279(a), 279(b), 280, 287, 289, 325, 334 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-imputati kollha, l-Artikoli 28B u 579 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 23 u 24 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal Antonella Vella wahedha, u l-Artikolu 579 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal Stephen Borg wahdu, sabet lill-imputati hatja tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u

kkundannathom ghal sitt snin prigunerija kull wiehed. Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputati.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-14 ta' Novembru 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi:

1. Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellati Stephen Borg u Antonella Vella hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom mill-prosekuzzjoni u kkundannathom ghal sitt snin prigunerija kull wiehed; u
2. Tbiddilha billi zzid bhala konsegwenza ghas-sejbien ta' htija rigward l-akkuzi kollha dedotti kontra Stephen Borg u Antonella Vella, is-segwenti:
    a. Tordna r-revoka tad-digrieti tal-helsien mill-arrest mertu tal-akkuzi enumerati 36, 37, 38 u 39 u r-rijarrest tal-istess Stephen Borg u Antonella Vella ai termini tal-Artikolu 579 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
    b. Tordna li l-appellati Stephen Borg u Antonella Vella jigu kkundannati sabiex ihallsu l-ispejjez tal-esperti nominati fil-proceduri kriminali odjerni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
    c. Tordna li s-sentenza ta' sena prigunerija sospiza ghal sentejn imposta fuq Antonella Vella mill-Qorti tal-Magistrati kif presjeduta mill-Magistrat Dr. C. Stafrace Zammit LL.D. nhar it-8 ta' Lulju 2013, tigi reza effettiva u tibda ssehh ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti u cioè:-

Illi fit-tnejn (2) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017), l-appellant Avukat Generali rcieva l-atti tal-kawza odjerna u hassu aggravat bihom in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti, filwaqt li sabet lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u erogat piena komplessiva ta' sitt snin prigunerija, madanakollu ma ordnatx ukoll ir-revoka tad-digrieti tal-helsien mill-arrest fil-konfront tal-imputati kif ukoll naqset milli tordna lill-appellati ihallsu l-ispejjez tal-esperti appuntati f'dawn il-proceduri skont l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li naqset ukoll milli titratta ma' Antonella Vella wahidha ghall-ksur ta' zewg sentenzi sospizi[1]. Ghaldaqstant l-appellant qieghed jintavola dan l-umli appell. Illi a skans ta' ekwivoku, l-appellant ghalhekk qed jintavola dan l-umli appell fil-konfront biss ta' parti mill-piena u l-konsegwenzi tas-sejbien ta' htija kif indikat hawn fuq, filwaqt li jiddikjara li qed jaqbel mal-bqija tas-sentenza appellata;

**L-Ewwel Aggravju**

Illi l-ewwel aggravju huwa car u manifest, stante li jirrizulta mis-sentenza appellata illi l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) ma ordnatx ir-revoka tad-digrieti tal-helsien mill-arrest tal-appellati kif ser isegwi:

Fir-rigward ta' Antonella Vella wahidha:

Kisret il-kundizzjonijiet tal-libertà provizorja imposti fuqha mill-Qorti tal-Magistrati nhar it-28 ta' Mejju 2013 kif presjeduta mill-Magistrat Dr. Tonio Micallef Trigona LL.D. (imputazzjoni enumerata bin-numru 36 fic-*charge sheet*);

Fir-rigward ta' Stephen Borg wahdu:

Kiser il-kundizzjonijiet tal-libertà provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta):

---

[1] Vide imputazzjonijiet enumerati 34 u 36.

1. nhar is-7 ta' Lulju 2009 kif presjeduta mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman LL.D. (imputazzjoni enumerata bin-numru 37 fic-*charge sheet*);
2. nhar it-28 ta' Mejju 2013 kif presjeduta mill-Magistrat Dr. Tonio Micallef Trigona LL.D. (imputazzjoni enumerata bin-numru 38 fic-*charge sheet*);
3. nhar it-3 ta' Settembru 2013 kif presjeduta mill-Magistrat Dr. Tonio Micallef Trigona LL.D. (imputazzjoni enumerata bin-numru 39 fic-*charge sheet*);

Illi galadarba l-Qorti tal-Magistrati qalet li qed issib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront taghhom, isegwi li l-appellati gew misjuba hatja wkoll ta' dawn l-imputazzjonijiet qua imsemmija enumerati 36 – 39. Illi l-ksur ta' digriet tal-libertà provizorja huwa regolat mill-Artikolu 579 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

> *579. (1) Jekk l-imputat jew akkuzat jonqos li jidher ghallordni tal-awtorità msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija, jew jonqos li josserva xi kondizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet taghha li bih taghti l-helsien mill-arrest, jew jinheba jew jitlaq minn Malta, jew waqt li jkun mehlus mill-arrest jikkommetti delitt li ma jkunx wiehed ta' natura involontarja, jew jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'mod iehor jintralcja jew jipprova jintralcja l-kors tal-gustizzja fir-rigward tieghu jew ta' xi persuna ohra, is-somma msemmija fl-obbligazzjoni tghaddi favur il-Gvern ta' Malta, u,* ***<u>barra minn dan, jigi mahrug mandat ta' arrest kontra tieghu</u>****:*[2]
>
> *Illi din id-disposizzjoni ma ghandhiex tapplika meta l-qorti tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kondizzjoni imposta fid-digriet li bih jinghata l-helsien mill-arrest ma hiex ta' konsegwenza serja.*

[2] Enfasi u sottolinear tal-appellant.

Illi mid-dicitura ta' dan l-artikolu huwa palesi li galadarba jinstab htija li l-appellati kisru d-digrieti tal-libertà provizorja, isegwi li l-Qorti ghandha tordna wkoll ir-revoka tad-digrieti msemmija u tohrog mandat ta' arrest kontra l-appellati. Illi inoltre l-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha ma applikatx il-*proviso* tal-Artikolu hawn kwotat, stante li ma ddikjaratx dan fis-sentenza, madanakollu fil-fehma tal-appellant, tali proviso ma ghandux japplika galadarba l-ksur li wettqu l-appellati hija ta' konsegwenza serja stante li huma kkommettew sensiela ta' serqiet aggravati u hsara volontarja li rrizultaw f'xejn inqas minn 33 imputazzjoni ta' serq u hsara volontarja migjuba kontra taghhom mertu ta' dawn il-proceduri kriminali odjerni;

**It-Tieni Aggravju**

Illi t-tieni aggravju huwa wkoll car u manifest, stante li jirrizulta mis-sentenza appellata illi l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) naqset milli tordna lill-appellati jhallsu l-ispejjez tal-esperti appuntati f'dawn il-proceduri skont l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali jghid hekk:

> *533. (1) Meta l-kawza ssir mill-Pulizija ex officio,* ***il-qorti ghandha meta taghti s-sentenza jew f'kull ordni iehor wara, tikkundanna l-hati jew il-hatjin, ilkoll flimkien in solidum jew kull wiehed ghalih, ghall-hlas, lir-registratur, tal-ispejjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri,***[3] *inkluzi dawk tal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.*

Illi ghaldaqstant jirrizulta kjarament mil-ligi hawn kwotata li l-Qorti tassattivament trid tikkundanna lill-appellati ghall-hlas tal-ispejjez tal-esperti bhala konsegwenza ghas-sejbien ta' htija f'dawn il-proceduri. Illi mid-dicitura tal-ligi johrog car li l-impozizzjoni ta' tali spejjez certament ma hix kwistjoni ta' natura diskrezzjonali;

---

[3] Enfasi u sottolinear tal-appellant.

**It-Tielet Aggravju**

Illi t-tielet aggravju huwa wkoll car u manifest, stante li jirrizulta mis-sentenza appellata illi l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) naqset milli titratta ma' Antonella Vella wahidha ghall-ksur tas-segwenti imputazzjoni ta' ksur ta' sentenza sospiza:

1. kkommettiet reat ta' natura volontarja waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' sena prigunerija sospiza ghal sentejn imposta fuqha mill-Qorti tal-Magistrati kif presjeduta mill-Magistrat Dr. C. Stafrace Zammit LL.D. nhar it-8 ta' Lulju 2013; (imputazzjoni enumerata bin-numru 34 fic-*charge sheet*);

Illi fis-sentenza appellata ma jissemmiex li l-Qorti trattat ma' Antonella Vella ghall-ksur tas-sentenza sospiza. Tant hu hekk li z-zewg appellati gew ikkundannati ghall-istess perjodu ta' sitt snin prigunerija effettiva, u dan meta Stephen Borg ma kellu l-ebda imputazzjoni rigward ksur ta' sentenzi sospizi. Illi ghalhekk huwa car li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma trattatx mal-appellata Vella rigward dan il-ksur ghax li kieku l-Qorti stess kienet tghid dan fis-sentenza. Illi kieku l-Qorti trattat mal-appellata Vella rigward dan ir-reat allura kien isegwi li Vella kienet tigi kkundannata ghal sena iktar mill-appellat Borg. Illi l-Artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprefiggi s-segwenti:

> *28B. (1) Meta persuna tinstab hatja ta' reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija, li jkun sar matul il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza, u jew tkun hekk instabet hatja minn jew quddiem qorti kompetenti skont l-artikolu 28C li tittratta maghha ghar-rigward tas-sentenza sospiza, jew sussegwentement tidher jew tingieb quddiem dik il-qorti, f'dak il-kaz, hlief jekk is-sentenza tkun digà bdiet issehh, dik il-qorti ghandha tordna li s-sentenza sospiza ghandha tibda ssehh.*

Illi ghaldaqstant galadarba l-appellata instabet hatja mill-Qorti li kkommettiet reat ta' natura volontarja matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, il-Qorti ma jkollhiex ghazla hlief li titratta mal-persuna misjuba hatja ghal dak ir-reat precedenti u tordna li s-sentenza sospiza ghandha tigi fis-sehh.

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta li l-imputati tressqu quddiem il-Qorti mixlija b'numru ta' imputazzjonijiet rigwardanti serqiet, ricettazzjoni, hsara u imputazzjonijiet ohra relatati mar-reat ta' serq li gew kommessi fil-lejl ta' bejn it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) u l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013). L-imputati gew mixlija ukoll li kisru l-kundizzjonijiet ta' digrieti ta' helsien mill-arrest, filwaqt li Antonella Vella giet anke mixlija li ikkommetitet reat ta' natura volontarja waqt perjodu operativ ta' sentenza ta' sena prigunerija sospiza ghal sentejn u anke waqt perjodu operattiv ta' Conditional Discharge ghal zmien sena. Il-Qorti kienet anke mitluba li titratta mal-akkuzati bhala recedivi. L-Ewwel Qorti sabet htija tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra l-imputati u kemm l-Avukat Generali u anke l-akkuzati appellaw mill-piena imposta mill-Ewwel Qorti. F'din is-sentenza, din il-Qorti sejra tqis l-appell tal-Avukat Generali.

Izda qabel ma taghmel dan, fl-ewwel lok, din il-Qorti tissottolinea li ghalkemm fil-parti dispositiva tas-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti indikat l-artikolu 625 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa evidenti li dan kien lapsus calami, fejn il-Qorti kienet qieghda tirreferi ghall-artikolu 265 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-artikolu 265 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma jikkontemplax reat izda huwa biss artikolu bit-tifsira ta' '*imfietah foloz*' u ghalhekk il-fatt li l-Ewwel Qorti indikat l-artikolu 625 minflokk l-artikolu 265 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma jrendix is-sentenza appellata nulla stante li l-Qorti fis-sentenza appellata indikat l-artikoli kollha li jikkontemplaw ir-reati li taghhom sabet htija.

Din il-Qorti sejra ghalhekk tqis l-appell tal-Avukat Generali. L-ewwel aggravju jirrigwarda l-fatt li l-Ewwel Qorti ma ordnatx ir-revoka tad-digriet tal-helsien mill-arrest tal-appellati. L-appellant Avukat Generali jissottometti li galadarba l-Qorti tal-Magistrati qalet li qed issib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront taghhom, isegwi li l-appellati gew misjuba hatja ukoll ta' dawn l-

imputazzjonijiet enumerati minn sitta u tletin (36) sa disgha u tletin (39). L-appellant Avukat Generali jaghmel referenza ghall-artikolu 579(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u jissottometti li huwa palesi li galadarba instabet htija li l-appellati kisru d-digriet tal-liberta provizorjza, isegwi li l-Qorti ghandha tordna ukoll ir-revoka tad-digrieti imsemmija u tohrog mandat ta' arrest kontra l-appellati. In oltre', l-appellant Avukat Generali jissottometti li l-Ewwel Qorti ma applikatx il-proviso tal-artikolu kwotat, stante li ma ddikjaratx dan fis-sentenza, madankollu fil-fehma tal-appellant, tali proviso ma ghandux japplika gialadarba l-ksur li wettqu l-appellati hija ta' konsegwenza serja stante li huma kkommettew sensiela ta' serqiet aggravati u hsara volontarja li rrizultaw f'xejn inqas minn tlieta u tletin (33) imputazzjoni ta' serq u hsara volontarja migjuba kontra taghhom mertu ta' dawn il-proceduri kriminali odjerni.

Jirrizulta li t-talba maghmulha mill-Prosekuzzjoni fic-citazzjoni hija ghar-revoka tad-digrieti li bihom l-imputati inghataw il-beneficcju tal-helsien mill-arrest, li jigi ordnat l-arrest mill-gdid tal-imputati u li tordna li s-sommom bhala depoziti u garanziji personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipult fl-artikolu 579(2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

'*(1) Jekk l-imputat jew akkużat jonqos li jidher għall-ordni tal-awtorità msemmiia fl-obbligazzjoni tal-garanzija, jew jonqos li josserva xi kondizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest, jew jinħeba jew jitlaq minn Malta,* ***<u>jew waqt li jkun meħlus mill-arrest jikkommetti delittli ma jkunx wieħed ta' natura involontarja</u>****, jew jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'mod ieħor jintralċja jew jipprova jintralċja il-kors tal-ġustizzja fir-rigward tiegħu jew ta' xi persuna oħra, is-somma msemmija fl-obbligazzjoni tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta, u, barra minn dan, jiġi maħruġ mandat ta' arrest kontra tiegħu:*

*Iżda din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika meta l-qorti tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kondizzjoni imposta fid-digriet li bih jingħata l-ħelsien mill-arrest ma hiex ta' konsegwenza serja.*

*(2) Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta'erba' xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta.*
*(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' xi liġi, kull persunaakkużata b'reat kif imsemmi fis-subartikolu (2) għandha tiġimressqa l-Qorti taħt arrest, u l-Pulizija tkun tista', fl-istessproċedimenti, titlob ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid ta' dik il-persuna. Il-proċedimenti għal reat taħt is-subartikolu(2) għandhom jittieħdu mill-Pulizija u jiġu deċiżi mill-Qorti bl-urġenza.*

*(4) Il-Pulizija tista' tidħol f'kull fond sabiex tiżgura li l-kondizzjonijiet imposti mill-qorti kif ingħad fis-subartikolu (1)ikunu qegħdin jiġu mħarsa. Il-Pulizija tista' wkoll tarresta mingħajrmandat kull persuna suspettata b'reat taħt is-subartikolu (2).'* (Sottolinear u emfazi mizjud minn din il-Qorti.)

L-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qabel l-emendi li dahlu fis-sehh permezz tal-Att VII tal-2015 u ghalhekk meta gew kommessi r-reati kien jaqra:

*"Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sitt xhur, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-ammont stabbilit fil- ħelsien mill-arrest taħt garanzija **jista' jiġi** konfiskat favur il-Gvern ta' Malta."* (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Ghalhekk meta sehhew ir-reati in mertu, il-Qrati permezz tal-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet t' Malta kellhom diskrezzjoni biex jiddeciedu jekk l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija ghandux jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta.

Mis-sentenza appellata jirrizulta li minkejja li l-Ewwel Qorti indikat l-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-parti disposittiva u sabet htija tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti mill-Prosekuzzjoni, naqset milli tirrevoka l-helsien mill-arrest moghtija f'dawk id-digriet u tordna l-arrest mill-gdid tal-imputati kif ukoll naqset milli tordna li l-ammonti depozitati jigu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta.

Din il-Qorti sejra ghalhekk tqis jekk gialadarba instabet htija tal-imputazzjonijiet enumerati minn sitta u tletin (36) sa disgha u tletin (39) ghandhiex tordna r-revoka tad-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid tal-imputati f'dawk il-proceduri. Din il-Qorti izda mhijiex sejra tordna l-konfiska tal-ammonti soggetti ghall-obbligazzjoni maghmula fid-digrieti ta' helsien mill-arrest in vista tal-fatt li l-Avukat Generali fl-appell tieghu ma talabx dan izda talab biss r-revoka tad-digrieti tal-helsien mill-arrest mertu tal-akkuzi enumerati minn sitta u tletin (36) sa disgha u tletin (39) u r-rijarrest tal-istess Stephen Borg u Antonella Vella *ai termini* tal-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat ulterjorament;

L-imputazzjoni sitta u tletin (36) mahruga fil-konfront ta' Antonella Vella taqra:

'*u aktar talli kisret il-kundizzjonijiet tal-libertà provizorja imposti fuqa mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. Tonio Micallef Trigona LL.D fit-28 ta' Mejju 2013 u dan taht garanzija personali ta' €10,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnata li taghmel mill-istess Qrati;*'

Vera kopja ta' dan id-digriet ta' liberta provizorja jinsab a fol 410 u mmarkat bhala Dok JG13. L-Ispettur James Grech xehed fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn prezenta dawn il-kundizzjonijiet moghtija fil-kawza fl-ismijiet 'Pulizija Spettur Fabian Fleri kontra Antonella Vella et'. L-Ispettur Fabian Fleri fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) ikkonferma li l-kawza ghada sub judice. Gialadarba l-Ewwel Qorti sabet htija ta' din l-imputazzjoni, din il-

Qorti qieghda tirrevoka d-digriet ghal helsien mill-arrest datat it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) u tordna l-arrest mill-gdid ta' Antonella Vella.

L-imputazzjoni sebgha u tletin (37) inharget fil-konfront ta' Stephen Borg u taqra' li:

> *'kiser il-kundizzjonijiet tal-libertà provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman LL.D fis-07 ta' Lulju 2009 u dan taht depozitu ta' €3,000 u garanzija personali ta' €30,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qrati; '*

L-Ispettur James Grech fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) prezenta d-digriet bil-kundizzjonijiet ta' liberta provizorja datat is-sebgha (7) ta' Lulju tas-sena elfejn u disgha (2009) u mmarkat bhala Dok JG6 a fol 332 fejn minn dan id-digriet jirrizulta li sabiex jaghmel tajjeb ghal beneficcju tal-helsien mill-arrest, l-imputat Stephen Borg kellu jiddepozita s-somma ta' tlett'elef ewro (€3000) u garanzija personali ta' tletin elf ewro (€30,000). Dawn il-kundizzjonijiet gew ukoll esebiti a fol 388 mill-Ispettur Elton Taliana fis-seduta tad-dsatax (19) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn huwa kkonferma li Stephen Borg huwa l-imputat u li anke gharaf il-firma ta' Stephen Borg fuq il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest. Huwa kkonferma li l-kaz ghadu pendenti u l-kundizzjonijiet ghadhom in vigore. Din il-Qorti qieghda la darba l-Ewwel Qorti sabet htija ta' din l-imputazzjoni, tirrevoka d-digriet tal-helsien mill-arrest mertu ta' din l-imputazzjoni u tordna l-arrest mill-gdid ta' Stephen Borg.

It-tmienja u tletin (38) imputazzjoni fil-konfront ta' Stephen Borg taqra:

> *'kiser il-kundizzjonijiet tal-libertà provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrati Dr. Tonio Micallef Trigona LL.D fit-28 ta' Mejju 2013 u dan taht garanzija personali ta' €10,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat jaghmel mill-istess Qrati;'*

Vera kopja tad-digriet ta' helsien mill-arrest datat it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) jinsab a fol 409. Dan id-digriet gie pprezentat mill-Ispettur

James Grech fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u hmistax (2015). L-Ispettur Fabian Fleri fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) ikkonferma li l-kawza ghada sub judice. Gialadarba l-Ewwel Qorti sabet htija ta' din l-imputazzjoni u ma giex intavolat appell mill-htija da parti tal-akkuzat, din il-Qorti qieghda tirrevoka l-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta' Stephen Borg.

L-imputazzjoni enumerata disgha u tletin (39) fil-konfront ta' Stephen Borg taqra':

> '*B'hekk kiser il-kundizzjonijiet tal-libertà provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. Tonio Micallef Trigona LL.D fit-3 ta' Settembru 2013 u dan taht garanzija personali ta' €5,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qrati.*'

Kopja tad-digriet tat-tlieta (3) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) jinsab esebit a fol 373 immarkat bhala SZ1. Dan id-digriet gie prezentat mill-Ispettur Spiridione Zammit fis-seduta tad-dsatax (19) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015). Caroline Fabri xehdet fis-seduta tas-sittax (16) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn ikkonfermat li kienet resqet lis-Sur Borg b'arrest meta kienet ghada Spettur stazzjonata l-Ghassa ta' Birzebbugia. Gharfet il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest li nghata s-Sur Borg dakinhar li kien tressaq quddiem dak iz-zmien il-Magistrat Micallef Trigona. Hija gharfet lill-imputat fl-awla. Mistoqsija jekk tiftakarx meta giet deciza dik il-kawza wiegbet li '*jekk minix sejra zballjata, three, four.. jew lejn l-ahhar tal-2014 jew fil-bidu tal-2015*'. L-Ufficjal Prosekutur waqt ix-xhieda ta' Caroline Fabri iddikjara li '*kienu ghadhom in vigore pero llum il-kawza deciza.*' Stante li jirrizulta mix-xhieda ta' Caroline Fabri li l-kawza fejn matulha inghata d-digriet tal-helsien mill-arrest datat it-tieta (3) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) illum tinsab deciza, din il-Qorti tastjeni milli tirrevoka l-helsien mill-arrest u mhijiex sejra tordna l-arrest mill-gdid tal-imputat relatat ma' dak id-digriet ta' helsien mill-arrest.

Dan l-aggravju qieghed ghalhekk jigi limitatament milqugh kif ikkunsidrat.

Ikkunsidrat;

It-tieni aggravju tal-appellant Avukat Generali jirrigwarda n-nuqqas tal-Ewwel Qorti milli tordna lill-appellati ihallsu l-ispejjez tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Meta l-kawża ssir mill-Pulizija ex officio,* ***__il-qorti għandha meta tagħti s-sentenza jew f'kull ordni ieħor wara, tikkundanna l-ħati jew il-ħatjin__****, ilkoll flimkien in solidum jew kull wieħed għalih, għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta'parti mill-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, f'dak iż-żmien u f'dak l-ammont bħal ma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.*' (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Jirrizulta li ghalkemm l-Ewwel Qorti fil-parti disposittiva tas-sentenza indikat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, naqset milli tordna lill-imputati ihallsu l-ispejjez tal-esperti mahtura kemm fl-inkjesta u anke matul il-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti. In vista tal-fatt li l-Ewwel Qorti sabet htija tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputati, din il-Qorti sejra tordna li l-ispejjez in konnessjoni mal-hatra tal-Perit Elena Borg Costanzi[4] ammontanti ghal erba' mija, tlieta u disghin ewro u sitt centezmi (€493.06), l-ispejjez relatati mal-hatra tal-Avukat Dr Martin Bajada, liema relazzjoni hija mmarkata bhala Dok MB1[5] ammontanti ghal hames mija u tmienja u disghin ewro u tmienja u erbghin centezmi (€598.48) u l-ispejjez relatati mal-hatra ta' Dr Marisa Cassar[6] ammontanti ghal sitt'elef, mitejn u erbgha u ghoxrin ewro u erbgha u erbghin centezmi (€6,224.44) jithallsu mill-imputati ugwalment bejniethom. F'kaz li dawn jibqghu ma jithallsux fi zmien sena mil-lum, l-ammonti hekk mhux imhallsa jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skont il-ligi. Jirrizulta li fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014) PC 650 Justin Tabone u PC1331 Darren Debattista li kienu inhatru bhala Scene of Crime Officers prezentaw rapport immarkat bhala Dok

[4] Relazzjoni mmarkata bhala ECB a fol 204 et sequitur
[5] Relazzjoni mmarkata bhala Dok MB1 a fol 308 et sequitur
[6] Relazzjoni immarkata bhala Dok MC1 a fol 321 et sequitur

JT1. Dan ir-rapport izda ma jinsabx fl-atti u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tikkundanna lill-akkuzati biex ihallsu l-ispejjez relatati ma' dan ir-rapport. L-istess jinghad dwar ir-rapport immarkat bhala Dok JM1 li ghalkemm jirrizulta li gie pprezentat minn Joseph Mallia fis-seduta tad-disgha (9) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014), dan ir-rapport ukoll ma jinsabx fl-ati u ghalhekk din il-Qorti lanqas ma tista tikkundanna lill-akkuzati biex ihallsu l-ispejjez relatati ma' dan ir-rapport.

Ikkunsidrat;

Illi t-tielet aggravju tal-appellant Avukat Generali jirrigwarda l-fatt li l-Ewwel Qorti naqset milli titratta mal-appellata Antonella Vella ghal ksur ta' sentenza sospiza u cioe' s-sentenza indikata fl-imputazzjoni numru erbgha u tletin (34).

Din l-imputazzjoni taqra:

> '*b'hekk ikkommettiet reat ta' natura volontarja waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' sena prigunerija sospiza ghal sentejn imposta fuqha mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. C. Stafrace Zammit LL.D. nhar it-08 ta' Lulju 2013;*'

Fl-atti a fol 342 et sequitur u 384 et sequitur immarkati bhala Dok JG11 u SZ6 gew ipprezentati vera kopja ta' sentenza moghtija kontra l-imputata Antonella Vella fit-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet ikkundannat lil Antonella Vella ghal sena prigunerija sospiza ghal sentejn b'ordni ta' supervizjoni tul dan il-perjodu. Ghalkemm l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata indikat l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-parti disposittiva, naqset milli titratta mal-imputata Antonella Vella dwar il-fatt li kkommettiet ir-reati mertu ta' dawn il-proceduri waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza.

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur Trevor Micallef) vs Francis Stephen Galli'</u>**[7] gie kkunsidrat li:

*'It-tieni gravami tal-appell jitratta dwar it-tielet imputazzjoni u l-Avukat Generali jargumenta illi la darba l-appellat kien ammetta b'mod inkondizzjonat ghall- imputazzjonijet dedotti kontra tieghu, liema imputazzjonijiet kienu jakkludu dik li l-appellat ikkometta reat waqt perjodu operativ ta' sentenza sospiza, l-Ewwel Qorti naqset milli titratta mieghu billi tirrendi effettivi t-termini ta' prigunerija sospizi. L-Avukat Generali ghandu ragun dwar dan l-aggravju. Fl-ewwel lok, l- Artikolu 28B tal-Kap 9 jipprovdi illi meta persuna tinsab hatja ta' reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija, li jkun sar matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ... dik il- qorti <u>ghandha</u> tordna li s-sentenza sospiza ghandha tibda issehh. L-Ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra dak ravvizat f'dan l-artikolu minkejja illi indikat l-istess artikolu fost l-artikoli wara s-sejbien ta' htija. Lanqas ma jidher li kienet astjeniet milli taghmel tali ordni fit-termini tal-artikolu 28B (2)(a) ghaliex is-silenzju certament ma jammontax ghal-astensjoni meta tali astensjoni tirrikjedi dikjarazzjoni ghar- raguni ghaliha. L-Avukat Generali ghalhekk qieghed jitlob lil din il-Qorti li tqieghed fis-sehh l-prigunerija imposta fuq l-appellat fis-sentenzi fejn kien kundannat ghal-terminu ta' prigunerija sospiza fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9'*

Fil-kaz odjern jirrizulta li ghalkemm l-Ewwel Qorti indikat l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-parti disposittiva naqset milli titratta ma' Antonella Vella dwar il-ksur ta' sentenza sospiza. Lanqas ma jirrizulta li l-Ewwel Qorti astjeniet milli taghmel dan skont l-artikolu 28B(2)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghalhekk din il-Qorti sejra tirrendi effettiv dak it-terminu ta' sena prigunerija moghtija fis-sentenza tat-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013).

Din il-Qorti tippreciza li ghalkemm l-Avukat Generali fl-appell tieghu jindika li l-Ewwel Qorti naqset milli titratta ma' Antonella Vella waheda ghal ksur ta' zewg sentenzi sospizi, jirrizulta li hija giet mixlija li kisret sentenza sospiza wahda u cioe' dik indikata fl-imputazzjoni enumerata erbgha u tletin (34) datata t-tmienja (8) ta' Lulju tas-

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Marzu, 2016 (Appell Numru: 480/2014)

sena elfejn u tlettax (2013). Filwaqt li jirrizulta li permezz tal-imputazzjoni enumerata hamsa u tletin (35) giet mixlija li ghamlet reat ta' natura volontarja waqt perjodu operattv ta' *conditional discharge* ghal zmien sena impost mill-Qorti tal-Magistrati preseduta minn dak iz-zmien il-Magistrat Dr. A. Mizzi LLD nhar it-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013). Din il-Qorti izda mhijiex sejra tikkunsidra piena li kellha tigi inflitta ghal din l-imputazzjoni enumerata hamsa u tletin (35) in vista tal-fatt li l-Avukat Generali fl-appell tieghu ma ressaq l-ebda talba rigwardanti din l-imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi tilqa' limitatament l-appell tal-Avukat Generali u filwaqt li tikkonferma l-htija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Antonella Vella u Stephen Borg kif ukoll il-piena ta' sitt (6) snin prigunerija, qieghda tirrevoka d-digrieti ta' helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid tal-hatja fil-proceduri mertu tad-digrieti ta' helsien mill-arrest msemmija fl-imputazzjonijiet enumerati sitta u tletin (36), sebgha u tletin (37) u tmienja u tletin (38) izda mhux tad-digriet ta' helsien mill-arrest mertu tal-imputazzjoni enumerata disgha u tletin (39). In oltre', din il-Qorti qieghda trendi effettiv is-sena prigunerija li kienet sospiza ghal sentejn moghtija fit-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) mertu tal-imputazzjoni numru erbgha u tletin (34) fil-konfront ta' Antonella Vella biex b'hekk Antonella Vella qieghda tigi kkundannata t-terminu total ta' seba' (7) snin prigunerija.

Din il-Qorti qieghda in oltre' tordna lil imputati Antonella Vella u Stephen Borg sabiex ihallsu l-ispejjez tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jammontaw ghal sebat'elef, tlett mija u hmistax-il ewro u tmienja u disghin centezmu (€7,315.98) konsistenti fl-ispejjez relatati mal-hatra tal-Perit Elena Borg Costanzi[8] ammontanti ghal erba' mija, tlieta u disghin ewro u sitt centezmi (€493.06), l-ispejjez relatati mal-hatra tal-Avukat Dr Martin Bajada, liema relazzjoni hija mmarkata bhala

[8] Relazzjoni mmarkata bhala ECB a fol 204 et sequitur

Dok MB1[9] ammontanti ghal hames mija u tmienja u disghin ewro u tmienja u erbghin centezmi (€598.48) u l-spejjez relatati mal-hatra ta' Dr Marisa Cassar[10] ammontanti ghal sitt'elef, mitejn u erbgha u ghoxrin ewro u erbgha u erbghin centezmi (€6,224.44). Nofs dawn l-ispejjez ghandhom jithallsu mill-akkuzat Stephen Borg u n-nofs l-iehor mill-akkuzata Antonella Vella u dan fi zmien sena mil-lum. Fin-nuqqas li xi ammont jibqa' mhux imhallas, dan jigi konvertit f'prigunerija skont il-ligi.

Din il-Qorti qieghda *ai termini* ta' dak deciz permezz tas-sentenza ghall-appell numru 445/2017 deciza kontestwalment tirrakomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex l-hatja Antonella Vella u Stephen Borg jinghataw l-ghajnuna kollha possibli sabiex jghelbu l-vizzju tad-droga u ghalhekk tigi esplorata l-possibilta' li l-hatja jinghaqdu f'program ta' rijabilitazzjoni ta' kontra d-droga waqt li jkunu qieghdin jiskontaw is-sentenza.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

[9] Relazzjoni mmarkata bhala Dok MB1 a fol 308 et sequitur
[10] Relazzjoni immarkata bhala Dok MC1 a fol 321 et sequitur